MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 340/2004

Kawza fil-lista: 46

**A B**
**vs**
**C sive D B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-attur u l-konvenuta martu zzewgu fl-erbatax ta’ Novembru tas-sena elf disgha mija u tmenin kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok MS 1;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dawn iz-zwieg kien ivvizjat u mhux hieles peress li nkiseb bi vjolenza, sew

fizika jew morali jew biza tant li zzewgu minhabba li l-pressjoni li saritilhom minhabba li l-konvenuta harget tqila qabel iz-zwieg;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Premess illi l-kunsens tal-attur inkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga jew tad-dritt tal-att taz-zwieg;

Premess illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet kien null u invalidu skond il-ligi;

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tad-19 ta' Dicembru 1980 fuq imsemmija huwa null u invalidu ghall-finijet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hi minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet li biha l-konvenuta eccepiet:

1. Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi mhux minnu izzi z-zwieg taghhom kien ivvizzjat u mhux hieles u/jew li nkiseb bi vjolenza jew biza';

2. Illi veru li l-konvenuta kienet tqila qabel iz-zwieg, pero' huma kienu qed jippreparaw biex jizzewgu, tant li l-konvenut kien diga' xtara bicca art biex jibni l-istess.

3. Illi mhux veru li hija kienet imdejjqa d-dar ghand ommha u/jew kien hemm kazijiet ta' adulterju minn naha taghha, imma l-adulterju kien biss minn naha tal-attur.

4. Illi z-zwieg taghhom tant kien validu illi ssussista ghal tmintax-il sena u mill-liema zwieg twieldulhom erbat itfal.

5. Illi z-zwieg tfarrak stante illi l-attur kellu relazzjoni ma’ terza persuna li jisimha Rose Saliba, u minn liema relazzjoni twielditilhom tarbija li jisimha Carla.

6. Illi huwa diga’ pprova jgib l-annullament Ekklezjastiku pero’ dawn il-proceduri waqfu ghax il-partijiet gew mgharrfa li m’ ghandhomx kaz.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-lisiti tax-xhieda u l-affidavits tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg tieghu kuntrattat mal-konvenuta fl-14 ta’ Novembru 1980 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat fit-termini tal-paragrafi [a] u [d], u dak ta’ l-attur fit-termini tal-paragrafu [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255. Minn naha taghha, il-konvenuta qed topponi ghat-talba attrici, u tichad li l-kunsens matrimonjali taghhom kien vizzjat kif allegat mill-attur. Dawn huma l-parametri ta’ l-azzjoni gudizzjarja.

**Kwadru tal-fatti**

Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu.

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fl-14 ta’ Novembru 1980, meta allura l-attur kellu 25 sena u l-konvenuta kellha 21 sena, u wara li l-partijiet kienu ilhom johorgu flimkien circa sena u nofs, u wara li l-konvenuta kienet harget tqila mill-attur. Minn dan iz-zwieg twieldu erbat-it

tfal f' Gunju 1981, 1983, 1985 u 1990. Il-partijiet isseparaw wara konvivenza matrimonjali 18-il sena; u fil-prezent, filwaqt li l-attur jghix ma' mara ohra li minnha ghandu tifla, l-konvenuta ghandha relazzjoni ma' ragel iehor.

*Versjoni attur*

Illi in sostanza l-attur jghid li huwa kien izzewweg lill-konvenuta ghax kien "pressat"[1] li jizzewweg; li dak iz-zmien huwa kien "immatur hafna"[2]; li lill-konvenut qatt ma habba "assolutament"[3], u li kieku l-konvenuta ma hargitx tqila "ma konniex nizzewwgu hekk malajr"[4]; u li huwa kien accetta li jizzewwigha "ghax kelli nerfa' r-responsabbilita". Huwa jghid li r-rapport tieghu ma' martu waqt iz-zwieg kien "rapport stramb hafna, fis-sens illi komunikazzjoni ma kien hemm xejn, argumenti l-hin kollu, argumenti specjalment bidu kienu jaharqu."[5]

Huwa jghid li fil-bidu nett, fl-ewwel xhur, taz-zwieg huwa ma kienx fidil lejn martu fis-sens li gieli mar ma' nisa ohra, xi "tlieta, erba darbiet" kienu "a one night's stand".[6] Huwa jichad pero' li hu bniedem vjolenti ma' martu u ma' uliedu, ghalkemm jammetti li meta kien jirrabbja huwa kien jsabbat. L-attur jilmenta li wara r-raba wild il-konvenuta ghalqet il-fallopian tubes biex ma jkollhiex aktar tfal, u li z-zwieg tkisser minnhabba relazzjoni extra matrimonjali li kellha martu qabdet qrib iz-zmien tas-separazzjoni, filwaqt li hu jsostni li l-habiba prezenti tieghu kien qabad maghha wara s-separazzjoni.

*Versjoni konvenuta*

Il-konvenuta tghid li mhuwiex minnu li l-attur ma kienx ihobbha u li kien izzewwigha ghax kien "ippressat" li jaghmel hekk. Hija tghid li hu ried jizzewweg, u ried ukoll li jkollhom it-tfal, tant li l-att taz-zwieg kienu jhalluh miftuh ghat-tfal fuq insistenza tieghu. Il-konvenuta tghid li l-attur kien ihobbha u ghalhekk ried jizzewwigha. Hija tinnega li

[1] Dep. fol.105
[2] Dep. fol.128
[3] Ibid.
[4] Aff. fol.16 – sottolinear tal-Qorti
[5] Dep.102
[6] Fol.114

zzewwgu, ghax kellhom jizzewwgu minhabba t-tqala imma "izzewwigna ghax ridna nizzewwgu"[7]. Ma kienx hemm ebda pressjoni mill-genituri biex tizzewweg, ghax huma "mal-ewwel iddecidejna li ser nizzewwgu."[8]

Fl-affidavit taghha tghid: "nahlef li ma kelli ebda pressjoni da parti tal-familja tieghi sabiex nizzewweg."[9] Fl-affidavit tieghu Philip Borg, hu l-konvenuta, jghid: "Wara xi sena, D harget tqila, u niftakar li A, ferhan se jtir, kien qalli li hu kien lest li jizzewweg lil ohti."[10]

Il-konvenuta tghid li l-attur huwa bniedem vjolenti u ta' spiss kien jerfa' idejh fuqha, u kien ikellem fuq uliedu b' mod dispreggjattiv, kien mohhu fix-xoghol u kien jitraskura l-familja, u in generali kien jittratta lil martu hazin u ghalhekk "ma stajtx nistikjah izjed."[11] Hija tghid li hu kien jghir hafna ghaliha; izda l-konvenuta ssostni li, nonostante l-karattru ta' l-attur, huwa "dejjem habbni" u li anke hi, fiz-zmien li tat il-kunsens matrimonjali, kienet, thobbu lill-konvenut.[12] Id-dikjarazzjonijiet maghmula minnu fl-ittri mibghuta lilha, bhal "You know that I love you and always did"[13] u "I love you and always will"[14] jaghtu konfort lit-tesi konvenuta f' dan ir-rigward.

**Konsiderazzjonijet tal-Qorti**

Illi l-attur qed jsejjes l-azzjoni tieghu fuq tlett kawzalijet bazati rispettivament fuq il-capita nullitatis kontemplati fil-paragrafi [a][d] u [f] ta' l-artikolu precitat li din il-Qorti ser titratta seriatim.

*Vis et metus*

Illi l-attur isostni li z-zwieg tieghu huwa null peress li huwa kien accetta li jizzewweg lill-konvenuta "hekk malajr"[15] minhabba pressjoni esercitata fuq il-konvenuta minn naha ta' ommha. Fl-affidavit jghid: "D kellha pressure kbir minn

---

[7] Dep. fol.141
[8] Ibid.
[9] Fol.29
[10] Fol.35
[11] Dep. fol.139
[12] Aff. fol.25
[13] Ittra 10.10.1998 fol-29
[14] Fol.27
[15] Supra

ommha biex tizzewweg, u jien ghalhekk accettajt li nizzewweg."[16]

Il-Qorti tosserva li propositu li, ghalkemm l-attur jsemm li kien "pressat"[17], fid-deposizzjoni tieghu tat-8 ta' Frar 2007 jghid li omm l-konvenuta "speci tatni ndikazzjoni li kien hemm triq wahda x' taghmel, li tizzewweg."[18] Inoltre, dan l-allegat fatt, ma ssibx sostenn fil-provi anzi jinsab kontraddett direttament u kategorikament mill-istess konvenuta, u wkoll mix-xhieda ta' huha Philip Borg li ddeskriva l-istat ta' attur bhala "ferhan ser itir"[19] hekk kif hu sar jaf bi tqala ta' ohtu.

Ghaldaqstant dan il-caput nullitatis ma jirrizultax provat stante li ma jirrizultax li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghhom il-partijiet, jew parti minnhom, kienet that pressjoni jew vjolenza determinanti, ingusta u gravi li eliminat ix-xelta libera taghhom; anzi l-provi juru l-kuntrarju. Huma zzewwgu ghax riedu jizzewwgu lil xulxin, u l-fattur ta' tqala serva biss biex acelera z-zminijiet billi l-partijiet ressqu aktar vicina d-data tat-tieg.

*Discretio iudicii*

Illi t-tieni kawzali hija bazata fuq il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, li fl-ewwel parti tieghu jikkontempla l-kaz fejn il-partijiet, jew parti, tkun affetta minn difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq id-drittijiet u d-dmirijiet tal-hajja konjugali.

Illi l-attur isostni li meta zzewweg huwa kien "immatur hafna". Il-Qorti tosserva li, ghalkemm din l-allegazzjoni tinsab imdghajjfa mill-fatt provat li fid-data taz-zwieg huwa kellu 25 sena u kien diga' dahal fid-dinja tax-xoghol, mhux kull stat ta' immaturita' jwassal ghall-integrazzjoni ta' dan il-caput nullitatis, izda biss jekk il-livell ta' immaturita' kien tant baxx li kien ta' ostakolu ghall-parti li jkollha certu dixxerniment tal-hajja konjugali. Dan ma jirrizultax provat, la fil-konfront ta' l-attur u lanqas tal-konvenuta.

---

[16] Fol.16
[17] Supra
[18] Fol.99 –sottolinear tal-Qorti
[19] Supra

Mill-provi, u senjatament mill-fatt tal-konvivenza twila ta' 18-il sena li matulha il-partijiet kellhom erbat-it tfal spazjati fuq perijodu ta' ghaxar snin b' intervalli ta' sentejn, sentejn u hames snin, jirrizulta proprju l-kuntrarju, u cioe' li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-partijiet kienu konxji tad-drittijiet u obbligi tal-hajja matrimonjali fis-sens li kienu jafu li huma kienu dehlin f' unjoni permanenti u esklussiva bazata fuq konvivenza matrimonjali diretta lejn il-prokreazzjoni ta' l-ulied u t-trobbija taghhom. Dan jirrizulta aktar provat fil-konfront ta' l-attur fejn dejjem kien jinsisti mal-konvenuta li l-att taz-zwieg ghandu jkun miftuh ghat-tfal.

Illi rigward l-allegazzjoni tal-konvenuta li l-attur kien jsawwatha u jitrattaha hazin, il-Qorti tosserva li dan il-fatt, huwa michud mill-attur; u l-Qorti mhijiex propensa li tghati affidament lill-konvenuta fl-allegazzjoni taghha li dina kienet vittma <u>kontinwa</u> ta' swat da parti ta' l-attur u li dan kien jitraskura u jndirizza lit-tfal b' mod dispreggjattiv:

[a] Fl-ewwel lok ghax dan il-fatt ma jirrizultax korroborat; u wkoll, mill-inverosimiljanza ta' l-allegazzjoni valutata fid-dawl tal-konsiderazzjoni li generalment, fin-nuqqas ta' provi cari li juru l-kuntrarju, persuna bhal l-attur li trid li jkollha daqshekk tfal tant li tinsisti li f' kull zmien thalli l-att taz-zwieg miftuh ghat-tfal, bil-piz finanzjarju u stress li dawn necessarjament igibu maghhom, tkun persuna li thobb it-tfal u mhux li titraskurahom u tahqarhom psikologikament.

[b] Fit-tieni lok, tosserva li l-fatt li okkazzjonalment parti terfa' idejha fuq il-konjugi l-ohra, apparti li fil-kaz odjern dan l-allegat fatt ma jinsabx korroborat, ma jwasslax necessarjament ghan-nullita' taz-zwieg, ghalkemm f' certu cirkostanzi jista' jikkostitwixxi sevizzi fit-termini ta' l-artikolu 40 Kap.16 li jwassal ghas-separazzjoni personali, izda mhux ghall-annullament li huwa msejjes fuq estremi fattwali u legali differenti.

Illi rigward it-tieni parti tal-paragrafu [d], il-Qorti tosserva li mill-provi ma tirrizzulta ebda anomalija psikologika, la da parti ta' l-attur u lanqas da parti tal-konvenuta, li kienet

serja u li kienet ghamlitha mpossibbli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Il-konvivenza matrimonjali twila tal-partijiet li matulha kellhom erbat-it tfal f' perijodu ta' ghaxar snin, jeliminaw dan il-caput nullitatis.

*Simulatio*

Illi t-tielet kawzali hija bazata fuq il-caput nullitatis kontemplat fil-paragrafu [f] ta' l-artikolu precitat. L-attur isostni li din ir-raguni ta' l-annullament ta' zwieg kienet tezisti fil-konfront tieghu peress li skond hu "jirrizulta car l-infedelta' tal-partijiet, nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom, nuqqas serju ta' tenerezza bejniethom"[20], il-vjolenza uzata minnu fuq martu anke fir-relazzjonijiet intimi, u l-fatt li ma riedx juza prezervattivi sabiex ma jkollhomx tfal.

Il-Qorti tosserva in propositu li f' din il-kawzali l-attur qed jaghmel auto imputazzjoni b' tentattiv li jipprova li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huwa, b' att pozittiv tal-volonta tieghu, internament, eskluda z-zwieg innifsu, jew xi obbligazzjoni essenzjali ghaz-zwieg; u jidher li qed jibbaza din il-kawzali fuq l-infedelta' da parti tieghu fl-ewwel xhur taz-zwieg, allegata minnu; kif ukoll fuq il-fatt li huwa kien vjolenti fil-konfront ta' martu u kien anke juza vjolenza fir-relazzjonijiet intimi; u li ma kienx ihobb lil martu.

F' dan ir-rigward il-Qorti taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

[1] illi, ghalkemm fid-deposizjzoni tieghu l-attur jghid li fl-ewwel ftit xhur taz-zwieg huwa kien infidil lejn martu fi tlieta jew erba okkazzjonijiet, huwa ma gabx provi in sostenn ta' din l-allegazzjoni li din il-Qorti tikkunsidera inverosimili u li tikkostitwixxi tentattiv meskin da parti tieghu biex jipprova jirnexxi fl-azzjoni tieghu. Mill-provi jirrizulta car li meta l-partijiet izzewwgu l-attur kien ihobb lill-konvenuta u ried jizzewwigha, u kif xehed Philip Borg, hu l-konvenuta, huwa kien ferhan hafna bl-ewwel tqala ta'

[20] Nota osservazzjonijiet

martu, allura gharusa tieghu. Dawn il-fatti jimmilitaw kontra l-allegat fatt ta' infedelta' da parti ta' l-attur fl-ewwel xhur taz-zwieg; u senjatament kontra l-allegazzjoni tieghu li fil-mument taz-zwieg huwa kien eskluda l-obbligu tal-fedelta'.

Illi in kwantu ghar-relazzjoni extra matrimonjali tal-partijiet, qrib id-data tas-separazzjoni u wara, circa 18-il sena wara l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, dawn m'ghandhomx relevanza ghall-finijiet tal-kawza odjerna.

[2] Illi in kwantu ghall-vjolenza allegatament uzata fil-konfront ta' martu, il-Qorti tosserva li, mhux biss din l-allegazzjoni ma tinsabx korroborata, izda tinsab kontradetta minnu stess meta fix-xhieda tieghu jghid espressament li hu ma hux bniedem vjolenti u jichad li kien jgib ruhu kif allegat martu. Barra minnhekk ma jirrizultax li fil-perijodu inizjali huwa kien vjolenti ma' martu, kif lanqas ma jirrizulta li meta l-attur ta' l-kunsens matrimonjali tieghu, huwa b' att pozittiv eskluda l-jittratta lill-martu b' imhabba u b' rispett.

[3] Illi rigward l-allegazzjoni ta' l-attur li ma kienx hemm imhabba konjugali da parti tieghu, il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet premessi, minn fejn jirrizulta li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali huwa ried jizzewweg lill-konvenuta u ried li jkollu tfal minnha, u di fatti damu jkkonvivu 18-il sena qabel is-separazzjoni personali. Inoltre, il-fatt li meta huwa sar jaf li fiz-zmien qrib is-separazzjoni martu kellha habib, huwa kien "iddisturbat hafna"[21] u "extremely agitated"[22] skond l-affidavits <u>tax-xhieda tieghu</u> Mario B u Delma Galea, li jspjegaw kemm hadha bi kbira l-attur, kunsidrat fid-dawl tad-dikjarazzjonijiet fuq citati maghmula minnu f' ittri mibghuta minnu lil martu, jkomplu jdghajjfu din l-allegazzjoni ta' l-attur.

Il-Qorti hija konvinta li mhuwiex minnu li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-attur eskluda b' mod posittiv l-obbligu li jhobb lil martu fiz-zwieg. Din l-

[21] Fol.18
[22] Fol.19

allegazzjoni tieghu hija gratuwita u meskina diretta sabiex jipprova jkkonvinci lil din il-Qorti li z-zwieg tal-partijiet kien null fiz-zmien tal-kontrattazzjoni tieghu. F' dan ir-rigward l-attur falla, u falla mizerabilment.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attrici mhijex gustifikata la fattwalment u lanqas legalment, u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici, bl-ispejjez kontra l-istess attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------